NEWSPAPER POST

# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA



Edizzjoni Nru. 22
Novembru, Diċembru 2009 - Jannar 2010

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Philip Schembri*



Huwa ta unur kbir għalija li qed nikteb bħala President għall-ewwel darba f'din il-gazzetta tas-soċjeta'. Nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ u tal-fiduċja li tajtuni meta ħeġġiġtuni biex nitfa' l-applikazzjoni għall-President tas-Soċjeta'.

Ma nistax nibda dan il-messaġġ jekk ma ngħidx grazzi lill-President u lill-Kumitat preċedenti għax-xogħol kbir u siewi li wettqu. Wieħed irid isemmi ċerti proġetti li twettqu bħas-safra tal-Banda fl-Ungerija u l-kostruzzjoni tal-istudios tar-radju fost oħrajn, biex jara l-ħidma kbira li wettqu. Dawn kienu żewġ proġetti kbar li għamlu unur lis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina V.M. Aħna bi ħsiebna nkomplu naħdmu u nibnu fuq dak li ħallew ta' qabilna biex il-festa tkompli tikber aktar u dejjem nagħmlu unur kbir lis-Socjeta tant għażiża għalina

Illum għandna Kumitat Ċentrali ġdid. Il-Kumitat il-ġdid diġa' beda jiltaqa' u jaħdem fuq ċerti oqsma. Ikollna nammettu li quddiemna għandna sfidi kbar. Komplejna naħdmu fuq id-dokument li ħarġet il-kurja bl-isem "Nirrestawraw il-Festi flimkien". Qed niffurmaw is-sotto-kumitati u nippruvaw niltaqgħu magħhom biex flimkijen inkomplu insaħħu is-sezzjonijiet u s-sotto-kumitati. Diġa bdejna bħala Kumitat naħdmu fuq prijoritajiet li nixtiequ li naraw fis-seħħ. Għalkemm l-isfidi huma kbar, nemmen li bl-għajnuna tagħkom il-membri jirnexxilna negħlbuhom.

Nixtieq permezz ta' dan il-messaġġ nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat u lill-membri tas- Sezzjonijiet u Sotto-Kumitati li b'sagrifiċċju personali daħlu għar-responsabilita ta' membri f'Kumitat. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-membri li għalkemm ma jagħmlu l-ebda parti minn xi Kumitat partikolari dejjem ikunu lesti jgħinu lis-Soċjeta'. F'Soċjeta' bħal tagħna, kulħadd huwa importanti u llum l-attivitajiet tant kibru li għandna bżonn l-għajnuna ta' kulħadd.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd u filwaqt li nselli għall-membri kollha, nagħmlu appuntament għall-25 ta' Novembru kif ukoll nawguralkom il-Milied u s-Sena mimlija risq u Barka.

*Grazzi*.

## Tislima u Awguri.



Għeżież membri ,

Iż- żmien tal-Presidenza tiegħi reġa' għadda u f'dan il-messaġġ nixtieq li nieħu l-oppurtunità billi nirringrazzjakhom ta' meta sibt kull għajnuna minnkom kemm materjali kif ukoll finanzjarja. F'dawn is-sentejn li għaddew bkejna bis-sħiħ għat-telfa ta' ħutna Żaren Barbara u Fredu Cassar fit-traċedja tal-post tan-nar. Dan kien wisq mument ikrah li s-Soċjeta' tagħna għaddiet minnu, u jiena fil-kariga ta' President sibtha wisq diffiċli sabiex twassal dak il-faraġ mixtieq lill-familjari tal-vittmi.

Bkejna wkoll bit-telfa ta' l-għażiż Surmast Mro. Francis Falzon li kien ukoll iben is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Dawn kienu mumenti ferm ta' dieqa li kelli ngħaddi minnhom kemm għat- telfa ta' dawn l-għeżież kif ukoll sabiex issib dak id-diskors li jista' jtaffi dak id-dulur lill-familjari.

Iżda l-ħajja tas-Soċjeta' riedet tibqa' miexja 'l-quddiem, intant ma nistax li ma nsemmix il-ħatra tas-Surmast Direttur Mro. Mario Testa u l-ħatra tal-Assistent Surmast Mro. Josef Grech. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija l-istedina lill-Banda Santa Katarina mill-Culture House Joszef Attila ta' Dorog fl-Ungerija. Dawn kienu verament mumenti tant sbieħ u ta' prestiġju.

Din il-kariga ta' President tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., kienet ta' unur kbir u prestiġjuża għalija, u min-naħa tiegħi ppruvajt li nkun strumentali sabiex immexxi lil din is-Soċjeta' hekk kbira fit-triq tas-sewwa u l-prosperita. Ma naħsibx li kelli d-doni kollha, iżda bl-umilta kollha tiegħi nitlob skuża jekk inqast lil xi ħadd.

Is-Soċjeta' tagħna hija dinamika u żagħżugħa u għaldaqstant tiffjorixxi kuljum b'nukliju ta' membri b'kapaċitajjiet f'diversi oqsma. Fiż-żminijiet tal-lum jeħtieġ li nkunu aġġornati sewwa, u għaldaqstant nemmen fit-tmexxija żagħżugħa, u hawnhekk nixtieq nsellem lill-President Philip Schembri u lill-Kumitat Ċentrali u nawguralhom il-ħidma t-tajba b'risq is-Soċjeta' tagħna. J'Alla l-Ispirtu Qaddis jimliekhom bl-għerf u bid-doni meħtieġa sabiex tmexxu lil din is-Soċjeta' għas-suċċess mixtieq u xejn inqas għall-glorja tal-Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri.

Grazzi ħafna.

***Chev. Charlie Schembri O.B.S.S.***



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

***(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)***

| | |
|---|---|
| 20 ta' Novembru 2009 | High Tea mis-Sezzjoni Nisa |
| 21 ta' Novembru 2009 | Country Night mis-Sotto Kumitat Nar |
| 21 – 23 ta' Novembru 2009 | Tridijiet Festa Liturġika Santa Katarina V.M. |
| 24 ta' Novembru 2009 | Lejlet il-Festa Liturġika Santa Katarina V.M. |
| 24 ta' Novembru 2009 | Launching DVD Festa 2009 |
| 25 ta' Novembru 2009 | Festa Liturġika Santa Katarina V.M. |
| 25 ta' Novembru 2009 | Ikla mis-Sotto Kumitat Nar f'nofs in-nhar |
| 25 ta' Novembru 2009 | Quddiesa bil-Paniġierku Festa Santa Katarina fis-5.45p.m. |
| 25 ta' Novembru 2009 | Marċ Festa Santa Katarina V.M. fit-8.00p.m. |
| 2 ta' Diċembru 2009 | Coffee Morning mas-Sezzjoni Nisa |
| 6 ta' Diċembru 2009 | Ħarġa Kulturali fil-Fawwara mas-Sotto Kumitat Kultura |
| 7 ta' Diċembru 2009 | Taħdita minn membru tal-M.U.S.E.U.M |
| 12 ta' Diċembru 2009 | Parents' Day tal-Allievi tal-Banda |
| 19 ta' Diċembru 2009 | Retro Music Night mis-Sezzjoni Żgħażagħ |
| 20 ta' Diċembru 2009 | Ħarġa Kulturali mas-Sotto Kumitat Kultura – Pantomina tal-Milied |
| 24 ta' Diċembru 2009 | Christmas Breakfast mas-Sotto Kumitat Armar |
| 25 ta' Diċembru 2009 | Marċ bil-Christmas Carols mill-Banda Santa Katarina V.M. |
| 26 ta' Diċembru 2009 | Party tat-Tfal |
| 29 ta' Novembru 2009 | Ġabra b'risq is-Soċjetà |
| 31 ta' Diċembru 2009 | New Year's Eve Party mis-Sotto Kumitat Nar |
| 9 ta' Jannar 2010 | Retro Night mas-Sezzjoni Żgħażagħ |
| 11 ta' Jannar 2010 | Taħdita minn membru tal-M.U.S.E.U.M |
| 17 ta' Jannar 2010 | Treasure Hunt mas-Sezzjoni Żgħażagħ |
| 23 ta' Jannar 2010 | Country Night mas-Sotto Kumitat Nar |
| 24 ta' Jannar 2010 | Ħarġa Kulturali mas-Sotto Kumitat Kultura |


## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Schembri Kevin | Editur |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Teżorier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Deisgner |
| Camilleri Marvin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Catherine | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Fawstina | Rappreżentanta Sotto Kumitat Kultura |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sotto Kumitat RSK 90.6FM |
| Zammit Oliver | Rappreżentant Sotto Kumitat Nar |


## EDITORJAL

*Għeżież qarrejja,*

Erħajna bdejna sena amministrattiva ġdida fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. u b'konsegwenza ta' dan għadhom kemm ġew maħtura sew il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjeta' kif ukoll id-diversi membri tas-Sotto Kumitati. F'isem il-Bord Editorjali, nawgura kull suċċess lil dawn il-membri kollha b'mod speċjali lill-President il-ġdid Philip Schembri.

Din il-ħarġa li fiha wieħed se jkun jista' jara x'hemm ippreprarat sew għall-Festa Liturġika f'ġieh Santa Katarina ta' Lixandra kif ukoll x'hemm preparat għal żminijet il-Milied, hija ħarġa li hi mimlija informazzjoni għalikom il-Partitarji u Ammiraturi ta' din is-Soċjeta'.

Nixtieq infakkarkom li min għandu xi suġġerimenti dwar x'nistgħu ninkludu fil-gazzetta kif ukoll jekk għandkom xi ritratti x'jistgħu jiġu ppublikati nitlobkom biex tgħadduhom lili fuq l-indirizz:- L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Tistgħu ukoll tikkuntatjawna permezz tal-email fuq info@stcatherineband.org.mt.

Qabel ngħalaq din in-nota editorjali nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sinjura Lorna Darmanin li kienet l-ewwel editriċi ta' din il-gazzetta għax-xogħol kollu li hi wettqet.

Kevin Schembri - **EDITUR**




**SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI**

**ser jorganizzaw**

**RETRO MUSIC NIGHTS**

ma' Marisa D'Amato

**Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru, Is-Sibt 9 ta' Jannar, is-Sibt 7 ta' Frar fil-Każin tal-Banda Sta. Katarina V.M.**




NO 22 2 26/11/2009, 12:52



# Festa Liturġika ta' Santa Katarina V.M. fil-Knisja Matriċi u Arċipretali Taż-Żurrieq



**Is-Sibt, Il-Ħadd u t-Tnejn 21, 22, u 23 ta' Novembru 2009, J i e mta' Tridu.** Fil-5.30p.m. Rużarju, fis-6.00 p.m. Quddiesa, kurunella ta' Santa Katarina, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwija u kant tal-Innu Popolari.

**It-Tlieta 24 ta' Novembru 2009, Lejliet il-Festa.** Fil-5.30p.m. Translazzjoni solenni tar-Relikwija ta' Santa Katarina u kant tal-Ewwel Għasar tal-Martri, Quddiesa, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwija u kant tal-Innu Popolari.

**L-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2009, Jum il-Festa.** Fil-5.30p.m. kant tat-Tieni Għasar tal-Martri. Fis-5.45p.m. tqegħid ta' kuruna tar-rand fuq il-monument ta' Santa Katarina f'Misraħ ir-Repubblika mill-membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. li jibqgħu sejrin il-knisja għall-Quddiesa Kantata. Fis-6.00p.m. Quddiesa Konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-Wisq Rev. Patri Pawl Aquilina O.S.A. Wara l-Quddiesa, l-istatwa ta' Santa Katarina tiġi mdawwra mal-knisja, isir il-bews tar-Relikwija, Repożizzjoni tar-Relikwija, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u kant tal-Innu Popolari.

***Fit-8.00p.m., il-Banda Sanata Katarina V.M. tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ ir-Repubblika mmexxija mis-Surmast Mario Testa Dip. Mus. In Bb Tuba, F.Mus. E.I.H.E.(H.C.). X'ħin il-Banda tasal ħdejn il-Monument ta' Santa Katarina, jindaqq l-Innu Marċja "Semma' Poplu L-Vuċi Tiegħek" ta' Mro. Espedito Deguara A.Mus.L.C.M.***

***Lejliet u nhar il-festa jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet l-Wisq Rev. Arcipriet Dun Charles Attard. Matul il-ħamest ijiem tal-Festa jieħu sehem il-Kor Parrokkjali Cantate Domino taħt it-tmexxija ta' Mro. Patri Anton Briffa O.F.M. Cap. L.L.C.M., Dip. Mus. Sacra.***

***Lejliet u nhar il-festa se jinħaraq nar tal-ajru li huwa maħdum kollu mill-membri tas-Soċjetà fis-St. Catherine Fireworks Factory, Bubaqra, Żurrieq.***

Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. tifraħ lill-President Onorarju Charlie Schembri għall-unur mogħti lilu bħala Kavallier tal-Ordni Biżantin tas-Santu Sepulkru (O.B.S.S.). Dan it-titlu ġie mogħti lill-President Onorarju fuq diversi merti li hu wettaq matul il-karriera tiegħu kemm bħala President tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. kif ukoll fuq diversi impenji oħra. L-investitura uffiċjali se ssir nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru 2009.

## TAĦDIDIET MILL-MEMBRI TAL-M.U.S.E.U.M. fil-Bar tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 7 ta' Diċembru 2009** | **6.30p.m.** |
| **I t-Tnejn 11 ta' Jannar 2010** | **6.30p.m.** |
| **It-Tnejn 8 ta' Frar 2010** | **6.30p.m.** |

***Inħeġġu lill-membri biex jattendu għal dawn il-laqgħat***



NO 22 3 26/11/2009, 12:53





## Sotto Kumitat Armar *- Moses Camilleri - Viċi Chairman*

Għeżież partitarji naghtikom merħba għal ħarġa oħra ta' din il-gazzetta.

Għadha kif għaddiet festa oħra fejn reġa' kellna festa kbira organizzata, serja u dinjituża. Prova ta'dan kienu l-eluf ta' nies li ġew iżuruna matul il-ġimgħa kollha. F'dak li hu armar kellna sena oħra ta' suċċess fejn matul il-festa konna organizzati u kollox armajna skont il-programm li kellna. Żanżanna pedestall u statwa ta' San Ġorġ Preca li ġiet imfaħħra minn ħafna dilettanti. Ħriġna aktar trofej gdid fi Triq Pietru Pawl Saydon biex b'hekk dan il-proġett hekk ambizzjuż qed ikompli jimmaterjalizza ruħu. Żanżanna wkoll pavaljuni ġodda u diversi affarijiet oħra biex hekk ir-raħal kien imżejjen kif inhu xieraq għall-festa Titulari. Dan kien kollu frott il-ħidma kordinata tas-sezzjoni armar kif ukoll ta' ħafna partitarji li tawna daqqa t'id fl-armar u ż-żarmar ta' l-armar.

Dwar ix-xogħol li qed nippjanaw għal din is-sena li ġejja prinċipalment huwa li jitkompla il-proġett tat-trofej il-ġdid fid-diversi taqsimiet tiegħu u nkomplu fuq il-bżonnijiet l-oħra ġewwa l-imħażen tagħna.

Ser tintrama Strada Rjali u l-Pjazza għall-festa liturġika ta' Santa Katarina tal-25 ta' Novembru.

Bħal attivitajiet ta' Fund Raising ser intellgħu dawn l-attivitajiet:

- Christmas Early Breakfast nhar 24 ta' Diċembru wara l-quddiesa ta nofs il-lejl ġewwa s-sala tal-Każin
- Għandna ritratt sabiħ tal-vara ta' Santa Katarina li qed ikun għall-bejgħ
- Titkompla l-iskema ta' ġbir għat-trofej fejn kull kaxxa tiswa 50 Ewro

Qabel nagħlaq irrid naghti merħba liċ-Chairman il-ġdid tas-Sotto Kumitat Armar is-Sur Charles Dalfonso fejn nawguralu kull suċċess fil-ħidma tiegħu u wkoll nsellem lis-Sur Joe Darmanin ex chairman għax xogħol li jagħmel b'risq l-armar.

Fl-aħħar qabel nagħlaq irrid minn qalbi nghidilkom grazzi ta' l-appoġġ li dejjem sibna minn għandkom u naghtikom il-Milied u s-Sena l-Ġdida mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom.

## Rokna tan-Nisa *- Catherine Farrugia*



Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Għaddew tliet xhur oħra u nispera li tinsabu tajbin. Nixtieq nibda billi f'ismi u f'isem sħabi tas-Sezzjoni Nisa nawgura lill-President il-ġdid, is-Sur Philip Schembri u lill-Kumitat il-ġdid. Nawguralhom sena mimlija risq u ħidma. Nixtieq nifraħ ukoll lis-Sinjura Catherine Grech li ngħaqdet magħna fil-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa.

Fix-xahar ta' Novembru niċċelebraw il-festa Liturġika tal-Patruna għażiża tagħna Santa Katarina. Għalhekk nixtieq nawgurawlkom il-festa t-tajba u inħeġġiġkom biex tattendu għall-funzjonijiet tal-knisja.

**Dawn huma l-attivitajiet għal matul dawn it-tlett xhur li ġejjin.**

- **Il-Ġimgħa 20 ta' Novembru'09 High Tea fil-każin fis-7pm**
- **L-Erbgħa 2 ta' Diċembru'09 Coffee Morning id-'Duncan' Marsaxlokk. Tluq min ħdejn l-iskola fit-8.30am**

Biex nagħlaq nixtieq nerġa' nawgurawlkom l-festa it-tajba u f'ismi u f'isem il-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa nawguralkom il-Milied u Sena Tajba mimlija barka u hena.

## Radju Santa Katarina *- Kevin Schembri - Segretarju Sotto Kumitat RSK*

***Għeżież soċji u partitarji,***

Wara li għaddejna ż-żminijiet tal-Festa tagħna flimkien, issa dħalna fil-ġranet daqsxejn aktar Xitwin u Radju Santa Katarina ħaseb sabiex hu wkoll ibiddel il-libsa tiegħu biex permezz tal-programmi li hu diġa qed ixandar fuq il-Frekwenza 90.6FM, jkun qed iżommilkom id-dar tagħkom aktar allegruża u għall-gosti tagħkom f'dawn iż-żminijet hekk kesħin.

Fil-fatt, sar diversi bdil fl-iskeda tal-programmi, sew minħabba n-neċessita' tal-preżentaturi sew ukoll bix-xandir mill-ġdid ta' diversi programmi li smajniehom fix-Xitwa li għaddiet. Xi ħaġa differenti mis-sena li għaddiet hi li din is-sena il-ġurnata tal-Ħadd qed tkun mimlija bi programmi LIVE sas-6.30p.m. fejn wara mbagħad bħas-soltu jkun hemm ripetizzjonijiet ta' programmi oħra. Dawn ix-xhur li qegħdin fihom jġibu magħhom ukoll il-Festa Liturġika ta' Santa Katarina V.M. u l-Milied u għalhekk Radju Santa Katarina qed jipprepara skedi apposta preparati għal dawn iż-żminijiet.

Hawn nixtieq inħeġġeġ li jekk xi ħadd jixtieq li jingħaqad mat-tim ta' Radju Santa Katarina sew bħala preżentatur, sew ukoll biex iservi bħala għajnuna oħra (bħal eżempju ġbir ta' reklami jew fir-recordings ta' programmi), jista' jikkuntatja lil xi membru tas-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina u aħna nkunu kuntenti li nkunu qed inkabbru din il-familja kbira tagħna.

L-aħħar punt ser niddedikah lill-istudios. Kull min ra l-istudios il-ġodda li nfetħu nhar il-Ħadd 23 t'Awwissu 2009, kulħadd jaf kemm illum Radju Santa Katarina qed igawdi minn Studios moderni u attrajenti. Dawn huma studios attrezzati b'dak kollu li Radju tal-Kommunita' għandu bżonn biex ikompli jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'risq il-Kommunita' kollha taż-Żurrieq. Aħna nkomplu nħeġġukom li min jixtieq jagħti xi donazzjoni b'risq Radju Santa Katarina jista' jagħmel dan billi jibgħat sms fuq 50617377 fejn apparti li int tkun tista' tagħmel id-dedika tiegħek, tkun qed tagħti wkoll donazzjoni ta' 2.33 Ewro.

F'isem iċ-Chairman u sħabi tas-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina nixtieq nirringrazzja lil kull min ta u għadu qed jagħti s-sehem tiegħu b'risq dan l-istazzjon biex b'hekk Radju Santa Katarina jkompli jkun L-UNIKA RADJU TAL-KOMMUNITA LI JAGĦTI S-SERVIZZI TIEGĦU LIŻ-ŻRIERAQ KOLLHA MATUL IS-SENA KOLLHA.



NO 22 4 26/11/2009, 12:54



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

- Richard Farrugia
Chairman Kummissjoni Banda

## Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda

**Sezzjoni Injam:** Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Assistent Surmast Mor. Josef Grech
**Sezzjoni Ram:** Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Surmast Direttur Mro. Mario Testa.
**Kunċerti:** Kull nhar ta' Tlieta fis-7.00 p.m.

## Novembru 2009

- Nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2009. il-Banda Santa Katarina V.M.. se tagħmel marċ fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika tal-patruna tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra ġewwa ż-Żurrieq. Dan il-marċ jibda fit-8.00p.m. minn Triq il-Kbira u jispiċċa f'Misraħ Repubblika.

## Diċembru 2009

- Nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru 2009 se ssir laqgħa għall-ġenituri u allievi li qed jitgħallmu l-mużika fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Din tkun serata varjata bejn daqq ta' Christmas Carols u siltiet mużikali minn bandisti stabbiliti u allievi tal-Banda tagħna, fejn wara jiġu ndirizzati mis-Surmast Direttur tal-Banda tagħna Mro. Mario Testa. Din is-Serata tibda fis-7.00p.m. fis-Sala Espedito Deguara.
- Nhar il-Milied, fil-25 ta' Diċembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel marċ tal-Christmas Carols fit-toroq taż-Żurrieq. Dan is-servizz jibda fl-10.00a.m. minn Misraħ Repubblika.

## B'Tifkira ta' Għeluq is-Sena mill-Mewt tas-Surmast Francis Falzon



Nhar is-26 t'Ottubru 2008 tħabbret il-mewt tas-Surmast Francis Falzon. Fis-27 t'Ottubru 2008 sar il-Funeral fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. fejn ikkonċelebraw il-Wisq Rev. Arċipriet Dun Charles Attard flimkien ma' tnax-il saċerdot. Ħa sehem ukoll il-Kor Parrokkjali Cantate Domino immexxi minn Karmenu Żerafa fejn l-organista kien Mro. Paul Portelli.

Nhar is-26 t'Ottubru 2009, f'għeluq is-sena mill-mewt tal-għażiż Surmast Francis Falzon saret Quddiesa b'suffraġju fil-Knisja ta' Santa Katarina V.M. mid-Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' Dun Raymond Cassar.

## IL-MULEJ SEJĦILHOM BIEX TIDĦOL FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM



| | |
|---|---|
| Membru Consiglia Chetcuti | 30 ta' Settembru 2009 |
| Membru Rita Mifsud | 13 ta' Novembru 2009 |

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

# SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI

ser jorganizzaw

# TREASURE HUNT

*ġewwa l-Imdina*

**Nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar 2010.**

**www.stcatherineband.org.mt**

**IS-SIT UFFIĊJALI TAS-SOĊJETÀ MGĦAMMAR B'RITRATTI U INFORMAZZJONI AĠĠORNATA KULJUM**



NO 22 5 26/11/2009, 12:56



# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*



### *Kif intom tfal?*

Nispera li sejrin tajjeb fl-iskola. Iż-żmien vera jgħaddi malajr, u filli konna qed nitkellmu dwar il-festa u filli daqt naslu biex nibdew nippreparaw għall-festa tal-Milied. Illum ukoll se nkellimkom dwar personaġġi kbar tal-Knisja Kattolika li jisimhom Katarina, bħall-qaddisa patruna tagħna.

Illum se nitkellmu dwar il-Beata Katarina ta' Pallanza, li sa minn tfulita għexet ħajja diffiċli wara li tilfet lill-membri tal-familja tagħha kollha, kawża tal-pesta, meta kellha biss 4 snin. Hi twieldet fl-1437. Katarina kienet tgħix fil-belt ta' Pallanza, belt li tinsab fin-naħa ta' fuq ta' l-Italja. Katarina kienet temmen ħafna fit-talb u kitbiet dwar il-ħajja tagħha jgħidu li kull nhar ta' Sibt, Katarina kienet tgħid elf Ave Maria. Meta kellha madwar għoxrin sena, Katarina semgħet priedka sabiħa ħafna dwar il-Passjoni ta' Ġesu' u din il-priedka ħalliet effett kbir fuqha, tant li qamet minn postha, marret quddiem il-Kurċifiss li kien hemm fil-knisja u offriet ħajjitha għal Mulej.

Aktar tard, Katarina kellha dehra ta' Kristu Msallab li qalilha li Hu għażilha biex tmur tgħix f'post bl-isem ta' Santa Marija tal-Muntanji. Hi marret hemm u għexet weħidha, fit-talb, f'santwarju Marjan qrib il-belt ta' Varese, li tinsab qrib ħafna tal-belt ta' Milan. Meta kienet fis-santwarju, Katarina kienet kuljum taqra r-rakkont tal-passjoni skont San Ġwann, dak l-istess rakkont li jinqara fil-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. F'ħajjitha Katarina ġibdet lejha bosta persuni tant li waqqfet komunita' reliġjuża. Katarina mietet nhar is-6 t'April 1478 u ħalliet komunita' reliġjuża miexja fuq il-passi ta' Santu Wistin.

X'nitgħallmu minn dan kollu? Nitgħallmu kemm it-talb għandu jifforma parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum – talb ta' ringrazzjament, talb ta' maħfra, talb ta' tifħir kif ukoll talb għal xi grazzji. Il-patruna tagħna Santa Katarina ukoll kienet titlob ħafna – talbet għall-għorrief, talbet biex Alla jgħinha waqt li kienet fil-ħabs kif ukoll, b'qawwa kbira, talbet għal dawk li kienu qed jagħtuha l-martirju.

Kemm tgħallimna affarijiet sbieħ Santa Katarina! Illum se nistaqsukom żewġ mistoqsijiet dwar il-beata Katarina minn Pallanza.

**i. Lejn xhiex kellha l-akbar devozzjoni l-beata Katarina?**
**ii. Kemm kellha żmien meta mietet il-beata Katarina minn Pallanza?**

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom fl-indirizz:

**Zurricanorum Patrona**
**Kompetizzjoni Għalikom Tfal**
**Palazz Alexandria**
**Misraħ Repubblika**
**Zurrieq**

# Sotto Kumitat tal-Kultura - *Fawstina Sammut*

Kif aħna ħbieb? Erġajna lura għall-ġabra tax-xitwa wara sajf taħbit biex ikollna festa kbira bħas-soltu, festa li ġibdet lejn raħalna, folol kbar ta' nies. Ta' dan nirringrazzjaw 'l Alla u lil Santa Katarina tal-għajnuna li tawna. Fost l-oħrajn ma nistgħux ma' nsemmux is-sehem li ħafna minnkom tajtu fir- re-enactment fil-Lejla Katarinjana. Prosit u grazzi lil kulħadd.

Għax-xhur li ġejjin, aħna tas-Sotto Kumitat Kultura, għandna programm vast biex nieħdu pjaċir u nitgħallmu flimkien.

**Fis-6 ta' Diċembru se mmorru ħarġa kulturali il-Fawwara limiti tas-Siġġiewi sewwa sew ġo Masġar taż-żebbuġ. Ħarġa edukattiva u ta' interess għal ħafna minnkom.**

**U fl-20 ta' Diċembru fuq talba ġenerali se nerġgħu nassistu għall-preżentazzjoni tal-Pantomima tal-Milied fl-Istitut Kattoliku. Bħas-soltu aħna ċerti mill-koperazzjoni tagħkom. Santa Katarina żżomm ħarsitna fuqna lkoll. Saħħa u grazzi.**

**Il-Ħadd 29 ta' Novembru, 2009**
**ĠABRA B'RISQ IS-SOĊJETÀ**



# Nota Amministrattiva - mis-Segretarju, is-Sur Kevin Schembri

Insellmilkom ħbieb u soċji tas-Soċjeta' Mużikali SantaKatarina V.M. taż-Żurrieq!

Inħossni kburi li għall-ewwel darba qed nikteb din in-nota amministrattiva bħala Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Il-Kariga ta' Segretarju hija responsabilita' kbira imma permezz tal-ħeġġa tagħkom il-membri u partitarji li kuljum tatuni l-kuraġġ tagħkom, konvint li nista' nservi ta' servizz għalikom il-membri u li flimkien inkomplu naħdmu id f'id biex inkabbru l-isem tal-Ewwel u l-Aqwa Soċjeta' Mużikali fiż-Żurrieq.

Din is-sena,wara li nhar il-Ħadd 1 ta' Novembru 2009 saret l-elezzjoni għall-ħatra tal-Kumitat Ċentrali, għandna Kumitat iffurmat minn dawn il-membri; Josef Cachia, Anna Camilleri, Ċettina Camilleri, Karmenu Camilleri, Moses Camilleri, Emanuel Caruana, Charles D'Alfonso, Emanuel Farrugia, Richard Farrugia, Charles Tanti u minni Kevin Schembri. Kif tistgħu taraw, illum għandna Kumitat b'element sostanzjali ġdid u li flimkien bħala tim wieħed sejrin naħdmu għall-ġid ta' din is-Soċjeta'. Intom urejtu l-fiduċja tagħkom fina u aħna lesti biex din il-fiduċja nrodduhielkom lura permezz ta' xogħol volontarju b'risq is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Barra l-ħatra tal-Kumitat, kien imiss ukoll li jintgħażel President ġdid u llum s-Soċjeta' tagħna għandha lis-Sur Philip Schembri bħala President tagħha. Hawnhekk ma nistax ma nirringrazjax lill-President Onorarju Chev. Charles Schembri għal dawn l-aħħar sentejn ta' ħidma li hu wettaq fi ħdan din is-Soċjeta', kif ukoll lil dawk il-membri li kienu jiffurmaw parti mnn dan il-Kumitat u din is-sena m'għadhomx parti minnu kif ukoll lil dawk il-membri li kkontestaw l-elezzjoni u ma ġewx eletti. GRAZZI MILL-QALB! Ix-xogħol li jitwettaq minn dawn il-membri kollha huwa ferm apprezzat mis-Soċeta'.

Novembru jġib miegħu ukoll il-Jum tal-25 ta' Novembru, Jum il-Festa Liturġika tal-Patruna tagħna. Jien f'isem il-President u sħabi membri tal-Kumitat inħeġġiġkom sabiex tattendu għall-funzjonijet li jsiru fil-Knisja b'mod speċjali għall-Paniġierku li jsir nhar il-25 ta' Novembru filgħaxija. Wara ejjew flimkien nagħtu l-appoġġ tagħna lill-Banda Santa Katarina V.M. bil-preżenza tagħna fil-marċ li se jsir wara l-funzjoni tal-Knisja.

Eżattament wara l-Festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina, ikun wasal żmien il-Milied fejn is-Soċjeta' anke permezz tas-Sotto Kumitati tagħha għandha programm ta' attivitajiet għal dawn iż-żminijiet. Fost l-oħrajn nixtieq infakkar fil-marċ li jsir nhar il-25 ta' Diċembru filgħodu kif ukoll fil-party tat-tfal li se jsir fil-Każin tal-Banda tagħna nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru 2009. Barra minn dawn is-Soċjeta' se torganizza bħas-soltu id-Dinner Dance. Għal aktar dettalji nistedinkom tkomplu ssegwu Radju Santa Katarina. Inħeġġeġ ukoll sabiex filwaqt li ġġeddu l-menswalita' tagħkom mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., tinkoraġġixxu wkoll partitarji ġodda biex jingħaqdu mal-Ewwel u l-Aqwa Soċjeta' Mużikali fiż-Żurrieq.

Ħuti, nixtieq nispiċċa din in-nota billi nħeġġiġkom tibqgħu magħqudin u flimkien niġbdu ħabel wieħed, ħalli mat-taħbit tal-maltemp inkunu sodi u ħadd ma jwaqqafna. M'hemmx x'taħbi! Id-Dokument "Nirrestawraw il-Festi Flimkien" jista' jġib kambjamenti kbar fil-festi b'mod speċjali fil-Festa Titulari li aħna tant inħobbu. Jekk tkun teżisti l-Għaqda, jirnexxielna nsaffu l-Festi minn dak li naqblu li huwa ħażin filwaqt li nibqgħu nżommu dawk it-tradizzjonijiet u d-drawwiet kollha li għamlu l-Festa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq bħala waħda milll-Aqwa Festi fil-gżejjer Maltin.

Insellmilkom għal darb'oħra u f'isem il-President u l-Kumitat Ċentrali li intom urejtu l-fiduċja tagħkom fih, nawguralkom l-isbaħ xewqat għal Milied Hieni u Sena mimlija risq.

# Kelmtejn mis-Sezzjoni Nar - Oliver Zammit





Għaddew tlett xhur mill-aħħar publikazzjoni tal-gazzetta u min jiffrekwenta l-każin ta' kuljum jaf li f'dawn it-tliet xhur, inbidlu ħafna affarjiet fis-Soċjeta' tagħna.Saret il-ħatra ta' President tas-Soċjeta, saret ukoll elezzjoni għall-Kumitat Ċentrali u ntagħżlu membri għal sezzjonijiet varji fi ħdan is-Soċjeta'. Is-Sotto Kumitat tan-nar mhux speċjali, u kellu jgħaddi minn din l-esperjenza wkoll. Għalhekk din is-sena persentaġġ kbir tas-Sotto Kumitat tan-nar huwa magħmul minn persuni ġodda. Jien bħala Kaxxier ta dan is-Sotto Kumitat ser nibda ntarrfilkhom b'dak kollu li jkun qed jiġri fis-Sotto Kumitat tagħna.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex f'isem sħabi tas-sotto kumitat tan-nar, nirringrazzja lill-membri li kien hemm qabel, tax-xogħol li għamlu, fl-istess ħin nifraħ lill-membri l-ġodda li ngħaqdu ma' dan is-Sotto Kumitat u nawguralhom ħidma kontinwa f'ġieħ il-Patruna tagħna Sta. Katarina V.M.

Nibda billi ngħid li bħala attivitajiet, se jibqgħu jsiru il-country nights, li dan ix-xahar se jkun fil- 21 ta Novembru fejn il-mistiedna speċjali se tkun Marisa D'Amato. Ser norganizzaw ukoll l-ikla fil-25 ta Novembru li ssir ta' kull sena fil-bar tal-Każin. Hemm aktar attivitajiet imħejjija għax-xahar ta' Diċembru kif ukoll għaż- żmien tal-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Għalhekk nitolbukom tagħtu titwila fin-notice boards tal-każin u tisimgħu r-riklami fuq ir-Radju tas-Soċjeta għal aktar informazzjoni. Bħala fund raising, qegħda ssir ukoll prima li titla' kull ġimgħa, kif ukoll il-membri tas-sotto kumitat qed jilqgħu donazzjonijiet biex jingabru l-fondi meħtieġa, sabiex inkunu nistgħu nkopru l-ispejjeż meħtieġa u nagħmlu Festa kbira, kif xieraq lill-Patruna tagħna Sta Katarina V.M. Peress li l-programm imħejji għall-Festa li ġejja huwa mimli daqs bajda u spejjeż ta' manutenzjoni ma jonqsux, inħeġġiġkom tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom u tattendu għall-attivitajiet li nħejju għalikom.

Waħda mill-ispejjeż li nqalgħet minn wara l-kwinti hija dik tal-magna tal-porvli, fejn inqalalha ħsara fir-roti tagħha. Peress li din il-magna hija essenzjali għall-ħdim tal-porvli diġa qegħda għat-tiswija u l-ispiża mhix żgħira. Se jinxtara wkoll mutur għall-istess magna. Matul is-sena ser isiru wkoll xi tibdil fl-istruttura ta' ċertu kmamar ġewwa l-post tan-nar, biex niġu aktar konformi mall-liġijiet u l-aktar biex intaffu ftit mill-perikli li jkunu għaddejjin minnu sħabna li jaħdmu n-nar volontarjament għall-Festa tagħna.

Rigward xogħol li qed isir ġewwa l-post tan-nar, nista' ngħid li x-xogħol miexi b'ritmu mgħaġġel taħt it-tmexxija tal-Licencee is-sur Żużu Sammut. Ix-xogħol fuq il-kaxxi nfernali, qiegħed miexi ġmielu u anke x-xogħol tal-murtali. Ġew imħejjija wkoll xi kaxxi nfernali u xi murtali tal-beraq u tal-kulur għall-Festa Liturġika tal-25 ta Novembru li ġej. Hawnhekk f'isem id-dilettanti kollha tan-nar, nixtieq nirringrazzja lil dawn il-membri ħabrieka li jaħdmu n-nar u nitolbu lil Sta Katarina żżomm idejha fuqhom.

Fl-aħħar ser ngħalaq dawn il-kelmtejn, billi nirringrazzja lil min b'xi mod jew ieħor qiegħed jgħin lil dan is-sotto kumitat sew finanzjarjament kif ukoll manwalment. F'kumitat attiv bħalma huwa tagħna, l-għajnuna hija dejjem apprezzata. Wara kollox aħna naħdmu għal għan wieħed, dak li nkabbru l-Festa tal-Patruna tagħna Sta KatarinaV.M.



NO 22 7 26/11/2009, 12:59



# Avvenimenti Importanti - miġbura minn Jeremy Cachia

## 145 SENA – SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M. A.D.1864 – ŻURRIEQ

*(ikompli mill-ħarġa preċedenti...)*

### Xi avvenimenti li għaddew matul ħajjet is-Soċjeta' f'dawn l-aħħar snin

- **1954** - Il-Banda Santa Katarina V.M. – idoqq għall-ewwel darba barra minn xtutna, ġewwa Noto-Sqallija.
- **1955** - Il-Banda Santa Katarina V.M. – idoqq din id-darba f'Acireale – Sqallija.
- **1956** - Membri u artisti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. jaħdmu l-Planċier maestuż għall-Banda Santa Katarina V.M. – opra t'artiġġjanat liema bħalha.
- **1959** - Il-Banda Santa Katarina V.M. – terġa' ddoqq ġewwa Katanja fi Sqallija.
- **1971** - Splużjoni fil-kmamar tan-nar tas-Soċjeta' – 2 membri vittmi ta' din it-traġedja.
- **1978** - Vittma oħra traġika waqt preparamenti tan-nar għall-festa.
- **1980** - Titwaqqaf l-ewwel Sezzjoni Nisa fi' ħdan is-Soċjeta'
- **1982** - Iż-żjara tal-Kardinal Luigi Ciappi O.P. fil-festa ta' Santa Katarina V.M. fl-okkażjoni tal-250 sena tal-Konsagrazzjoni tal-knisja – iżur il-każin tal-Banda Santa Katarina.
- **1986** - Il-Banda tgħaddi taħt is-Surmast Francis Falzon. Fl-istess sena ġiet inawgurata s-'St Catherine Fireworks Factory'.
- **1991**- Jinxtara l-Każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.
- **1992** - It-twaqqif ta' l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ fiż-Żurrieq fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M.
- **1997** - Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq ġewwa Bari fl-Italja.
- **1997** - Jittella' b'suċċess kbir għall-ewwel darba l-Mużikal 'Jisimni Katarina'
- **2000** - Jitwaqqaf is-Sotto Kumitat Armar fi ħdan is-Soċjetà
- **2002** - Jiġi inawgurat l-ewwel Radju fiż-Żurrieq – Radju Santa Katarina
- **2002** - Delegazzjoni tas-Soċjeta' f' Udjenza Privata mal mibki Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.
- **2004** - Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel l-ewwel ġemmellaġġ mużikali fiż- Żurrieq mal-Fil. P. Mascagni f'Lucca l-Italja.
- **2004** - Inawgurat l-Arkivju maestuż tal-Banda Santa Katarina V.M. u sar it-tberik tax-xogħol li sar fil-każin.
- **2005** - Iċċelebrati festi kbar f'ġieħ Santa Katarina V.M. f'għeluq is-17-il ċentinarju mill-mewt u dħul glorjuż tal-Qaddisa fis-sema.
- **2007** - Splużjoni fil-kamra tan-nar tas-Soċjeta' thalli żewġ membri vittmi ta' din t-traġedja.
- **2008** - Tithabbar il-mewt tas-Sumast Francis Falzon.
- **2008** - Ħatra tas-Surmast Mario Testa, bħala Surmast Direttur tal-Banda Santa Katarina V.M. u ta' Josef Grech bħala Assistent Surmast.
- **2009** - Il-Banda Santa katarina V.M. iddoqq ġewwa l-Ungerija

## Salvu Darmanin – Bandist Onorarju




Salvu Darman jew kif kulħadd jafu 'Salvu Clumbi', illum jgħodd mas-78 sena. Ta' 14-il sena fl-1945, beda jitgħallem il-mużika għand is-surmast Espedito Deguara sabiex jingħaqad mal-Orkestra Santa Katarina V.M. Hu jiftakar meta kien jinżel minn Bubaqra ma' Salvu Falzon (missier l-ex-surmast tal-Banda Santa Katarina V.M.; Francis Falzon) u ma' Kelinu Bugeja sabiex jitgħallmu l-mużika fil-każin. Kien fl-1947 meta Salvu Darmanin ħareġ idoqq it-trumbun ta' l-Armonija mall-Banda Santa Katarina V.M.

Jiftakar l-Orkestra Santa Katarina V.M. iddoqq kemm fil-pjazza ewlenija tar-raħal waqt xi attivita' mtella mis-Soċjeta' u kemm waqt il-fieri li s-Soċjeta' kienet ittella' fl-iskola tal-Gvern.

Jiftakar bosta orkestranti jdoqqu fl-Orkestra Santa Katarina V.M. u li llum m'għadhomx magħna. Kien jitgħaxxaq jara dawk l-istrumenti tal-korda. Wieħed mill-Orkestranti li semmieli u li llum għadu mimli bl-għomor hu Salvu Bugeja li kien idoqq il-vjolinċell ma' l-istess orkestra, tal-każin. Tajjeb insemmu li Grazzi għal Salvu Bugeja u l-familja tiegħu, fil-festa titulari ta' din is-sena għoġobhom jirregalaw dan l-istess vjolinċell; fejn illum dan qiegħed merfugħ b'għożża kbira fl-arkivji tal-Banda Santa Katarina V.M.

Jiftakar ukoll lis-surmast Ferdinandu Falzon jagħmel il-kunċerti fis-sala ta' fuq fil-każin sabiex idoqqu għall-matutin tal-Festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa l-knisja.

Fl-1946, fi żmien meta l-Orkestra evolviet fil-Banda Santa Katarina V.M. , Salvu Darmanin kien qiegħed fis-sala tal-każin jarhom jagħmlu l-kunċert meta ġriet l-aħbar li kien miet Dun Vincenz Saydon u għalhekk is-surmast Deguara waqqaf il-kunċert ħesrem.

Minn tfulitu, Salvu kien iħobb imur il-knisja fil-ġranet tal-festa għall-funzjonijiet litturġiċi. Jiftakar kien jinżel maz-zija tiegħu għat-tridijiet f'kesħa xxoqq l-għadam u kien jibqa mistgħaġeb kif il-knisja kienet tkun imballata bin-nies u ma kienux jaqtgħu qalbhom!! L-istess kienet tagħmel z-zija tal-mara tiegħu meta kienet tiġi mill-Qrendi għall-imsemmija funzjonijiet tal-festa.

Jiftakar bl-akbar nostalġija meta fl-1936 u l-1937 kienu żżanżnu l-linef tant maestużi tal-Kristall tal-Bohemia fil-knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. Kullħadd kien jibqà mistgħaġeb hekk kif kull darba kienu jixirfu l-għatba tal-knisja u jaraw dik id-dehra tal-ġenna!

Salvu għamel 12-il sena fil-kumitat Centrali tas-Soċjeta' bħala Assistent Kaxxier u 20 sena jaħdem in-nar. Hu kien jagħmel il-kaxxi nfernali tal-kulur bil-bandieri. Salvu kien jaħdem ma' kulħadd anke fl-armar. Semmieli meta kienu ħadmu l-planċier grandjuż tal-Banda, hu kien joqgħod magħhom jgħinhom sas-1am. U wara kienu jmorru d-dar għajjenin u jfittxu jorqdu ħalli jbakkru għax-xogħol filgħodu kmieni.

Salvu Darmanin baqa' jdoqq mal-Banda Santa Katarina V.M. sal- 2008 u imħabbtu għall-Banda baqgħet tixgħel sal-lum il-ġurnata. Siefer mal-Banda f'kull okkażjoni fil-5 safriet preċedenti b'eċċezzjoni għall-aħħar safra tal-Banda ġewwa l-Ungerija. "U li kieku ħallini t-tabib kont nitla' magħkom l-Ungerija wkoll din is-sena" kien pront qalli b'nofs tbissima.

Salvu jixtieq jawgura lill-bandisti kollha sabiex ikomplu jieħdu l-mużika bis-serjeta' u jistudjaw, anke lil dawk iż-żgħażagħ li jkunu għadhom kif ħarġu jdoqqu mal-banda, ħalli jkomplu jkabbru l-istess Banda Santa Katarina V.M. u jheġġeġ liż-Żrieraq kollha jħobbu b'imħabba kbira lill-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.

F'isem il-Bord kollu ta' Sancta Catharina Zurricanorum Patrona u l-Kumitati tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. nawguraw lil Salvu u nitolbu lil Alla jagħtih aktar snin ta' saħħa ħalli jkompli jgawdi l-festa għażiża ta' Santa Katarina V.M. u lis-Soċjeta' tagħha!

Design & Printing: Tel: 21250994/3



NO 22 8 26/11/2009, 13:00